# TISWIR TA' KLIEM ĠDID

## I. VERBI

Fil-Malti għandna għadd kbir ta' verbi mnisslin minn nomi. Dawn għandhom kollha għamla waħda, jiġifieri, jtennu t-tieni konsonanti, hekk: *xemmex* minn *xemx*, *ġenneb* minn *ġenb*, *terraq* minn *triq*, *sebbaħ* minn *sabiħ*. Fuq din l-għamla ta' verbi nistgħu nsawwru ħafna verbi oħra. Semmejna f'*Leħen il-Malti* ta' Ġunju l-verbi *bellet* minn *belt*, *waqqat* minn *waqt*, *leħħen* minn *leħen*. Insemmu wkoll, u daħlu fil-kitba, *lissen* minn *lsien*, *waħħad* minn *wieħed*.

Ma' dawn inżidu:

*Demmem* minn *demm*. Nistgħu ngħidu: *Ġisem imdemmem*=ġisem kollu dmija. *Ġerħa ddemmem*=ġerħa ħiereġ id-demm minnha.

*Taħħat* minn *taħt*. Nistgħu ngħidu: *Ittaħħat lil min hu akbar minnek* = oqgħod taħt min hu akbar minnek. *L-imgkallem taħħat il-ħaddiema kollha lil Wenzu*=qegħidhom taħt idejn Wenzu.

*Saffel* minn *isfel*. Nistgħu ngħidu: *Aħjar tissaffel milli titgħolla*=aħjar toqgħod l-isfel milli toqgħod fil-għoli. *La ssaffel il-ħadd biex ma jsafflux lilek*=la tbaxxi l-ħadd biex ma jbaxxux lilek. U nistgħu nagħmlu ukoll l-aġġettiv *siefel* li jfisser *wieħed ta' kundizzjoni baxxa.*

*Biehem* (flok *behhem)* minn *bhima*. Nistgħu ngħidu: *Il-bniedem bla reliġjon jitbiehem*=isir bħal bhima. *Is-sokor ibiehem il-bniedem*=jagħmlu bħal bhima.

*Qaddem* minn *quddiem*. Nistgħu ngħidu: *La titqaddemx minn rajk ħalli li jqaddmek ħaddieħor*=la toqgħodx quddiem minn rajk, ħalli li ħaddieħor iqiegħdek quddiem. *Ġanni qaddimli erba' laringiet ħelwin*=ġiebli quddiemi; ippresentâli. Minn dal-verb nistgħu noħorġu l-kelma *mqaddma* li tfisser dik il-kitba li titqiegħed quddiem, fil-bidu ta' kull ktieb u li f'ilsna oħra igħidulha: *præfatio*, *prefazione*, *preface*, *foreword*, *avant-propos*, *vorwort*, li jfissru kollha *il-kelma ta' quddiem.*

Dawn huma ftit verbi ġodda mnisslin fuq verbi oħra minn kliem li għandna. Fuq il-mera tagħhom nistgħu nnisslu verbi oħra u ndaħħluhom fil-kitba. B'hekk il-lsien maltijikber u jikseb ħeffa kbira biex jista' jdur għal kull tifsir ta' ħsieb. Kull xahar nibqgħu natu mera ta' kliem ġdid.

P. P. SAYDON